

Brussell, 11 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5152/22

LIMITE

AGRI 4
AGRIORG 2
WTO 4

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kunsill

Suġġett: Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ
- *Skambju ta' fehmiet*

Bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tas-17 ta' Jannar 2022, id-delegazzjonijiet isibu mehmuż dokument ta' informazzjoni sabiex jgħinjom fit-tħejjija tagħhom għad-diskussjoni tal-punt imsemmi hawn fuq.

Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ

1. **Sittin sena** wara l-ewwel implimentazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), l-Unjoni Ewropea hija l-akbar esportatur u t-tielet l-akbar importatur ta' prodotti agroalimentari fid-dinja. Dan is-suċċess huwa marbut b'mod ċar mal-PAK, li tappoġġa l-kompetittività u l-innovazzjoni, u l-produzzjoni ta' prodotti sikuri, magħmula b'mod sostenibbli, nutrittivi u ta' kwalità għolja, filwaqt li fl-istess ħin, tadatta ruħha kontinwament sabiex twettaq dan bl-inqas kost possibbli u bil-mod li l-inqas ifixkel il-kummerċ, u b'hekk tiffaċilita l-aderenza tal-UE mal-impenji internazzjonali fil-qasam tal-iżvilupp, bħall-inizjattiva tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP) u l-inizjattiva "Kollox Minbarra Armi".
2. Dawn il-kisbiet indiretti relatati mal-kummerċ tal-PAK flimkien mal-ġestjoni ta' suċċess tal-isfidi reċenti assoċjati mal-pandemija tal-COVID f'termini tal-iżgurar tad-disponibbiltà tal-ikel għall-konsumaturi Ewropej urew għal darb'oħra, b'mod partikolari fil-kuntest tar-riforma tal-PAK adottata reċentement u d-dikjarazzjoni konġunta adottata mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fil-qafas tal-ftehim ta' riforma (14190/21 ADD 1), ir-rwol komplementari importanti tal-Kunsill AGRI/FISH u l-korpi preparatorji tiegħu biex il-Politika Kummerċjali tal-UE tkun ifformulata fuq kwistjonijiet li jaffettwaw is-setturi fil-kompetenza tiegħu. Dan jgħodd speċjalment meta jitressqu soluzzjonijiet ta' benefiċċju għall-partijiet ikkonċernati kollha filwaqt li jiġu osservati l-prijoritajiet ewlenin tas-sigurtà tal-ikel, l-iżvilupp sostenibbli u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u fl-istess ħin jiġu appoġġati - u mhux kompromessi - l-impenji internazzjonali u l-inizjattivi ta' politika tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.
3. F'dan ir-rigward, il-Kunsill AGRI/FISH enfasizza ripetutament li, filwaqt li huwa importanti li jintlaħqu l-impenji tal-UE skont is-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u lejn il-pajjiżi sħab, huwa daqstant importanti li tiġi salvagwardjata l-kompetittività tas-settur agrikolu minn miżuri protezzjonisti li jirriżultaw minn tilwim kummerċjali jew deċiżjonijiet oħra ta' politika barranija u billi jiġi żgurat li l-prodotti agrikoli importati jikkonformaw mal-istandards Ewropej.

4. Il-Kunsill AGRI/FISH ġie infurmat l-aħħar dwar l-iżviluppi reċenti fil-kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ matul is-sessjoni tiegħu f'Novembru 2021. Tajjeb li jissemmew l-iżviluppi li ġejjin filwaqt li jitfakkru l-iżviluppi l-qodma.
5. In-negozjati dwar l-eżitu possibbli tat-Tnax-il Konferenza Ministerjali (MC12) tad-WTO ser ikompli wara l-posponiment tagħha f'Novembru li għadda. L-erba' kwistjonijiet ewlenin fuq l-aġenda huma l-Kummerċ u s-Saħħa, is-Sussidji tas-Sajd, ir-riforma istituzzjonali tad-WTO, u l-Agricoltura. Għadha ma ġietx iffissata data ġdida, għalkemm l-Indja talbet l-organizzazzjoni ta' Konferenza Ministerjali virtwali biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tar-rispons tad-WTO għall-pandemija attwali, b'mod partikolari l-komponent tal-Proprietà Intellettwali (Kummerċ u Saħħa) tagħha. Fir-rigward tas-segment agrikolu, il-kwistjonijiet kollha li kellhom jiġu diskussi f'Novembru għadhom fuq l-aġenda, inkluż it-titjib fit-trasparenza, l-appoġġ domestiku, il-kompetizzjoni fl-esportazzjoni u r-restrizzjonijiet fuqha, il-ħżin pubbliku, u l-aċċess għas-suq. Madankollu, minħabba d-differenzi sinifikanti fil-pożizzjonijiet tal-membri tad-WTO, l-aktar riżultat tanġibbli probabbli tal-MC12 jibqa' sett ta' programmi ta' ħidma, li jiggwidaw in-negozjati futuri mingħajr ma jippreġudikaw l-eżiti. It-titjib fit-trasparenza jista' jagħmel parti minn dan l-eżitu, flimkien ma' ftehim fuq element ta' restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni (essenzjalment il-proposta għal Programm Dinji tal-Ikel), programmi ta' ħidma dwar l-appoġġ domestiku li jxekkel il-kummerċ, u possibbilment dwar l-aċċess għas-suq, u dwar il-kwistjoni tal-ħżin pubbliku. Hemm il-possibbiltà ta' eżiti ta' suċċess iżda m'hemmx ċertezza dwarhom, prinċipalment minħabba l-pożizzjonijiet diverġenti ta' xi Membri ewlenin tad-WTO. L-UE ser tkompli tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv ma' Membri oħra tad-WTO sabiex tibni fuq il-progress li nkiseb u tevita milli jsir rigress fin-negozjati. Minkejja l-posponiment tal-MC12, fil-15 ta' Diċembru 2021 tnieda sett ta' inizjattivi plurilaterali tad-WTO, inkluż tliet inizjattivi dwar il-Kummerċ u s-Sostenibbiltà Ambjentali, li fiha l-Unjoni Ewropea impenjat ruħha li tkabbar ir-rwol tal-kummerċ fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u fil-ħarsien tal-ambjent. Is-sejħa tal-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Dombrovskis biex tinbena koalizzjoni internazzjonali tal-ministri għall-kummerċ biex jiġi promoss il-kummerċ fi prodotti u servizzi ekoloġiċi u biex fl-2022 tissejjaħ laqgħa ministerjali li tkun iddedikata għall-kummerċ, il-klima u s-sostenibbiltà hija marbuta ma' dan l-isforz.

6. Rigward **it-tqassim tal-kwoti tariffarji tad-WTO** bejn l-UE u r-Renju Unit wara l-Brexit, fl-4 ta' Ottubru 2021 ġie ffinalizzat u ffirmat ftehim mal-Awstralja. Il-Ftehim ma' New Zealand ġie inizjalat ukoll eżatt qabel il-Milied u dalwaqt ser jiġi ppreżentat lill-Kunsill għall-approvazzjoni formali. Ma kienx hemm aktar żviluppi konkreti f'dan il-qasam.
7. F'termini ta' relazzjonijiet u negozjati bilaterali, wara l-eżitu tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn **l-Istati Uniti u l-UE** u l-laqgħa tal-G20 ġewwa Firenze, ġie ffirmat arranġament amministrattiv fil-livell tekniku għal kooperazzjoni bejn DG AGRI u l-USDA biex jiġu żviluppati sforzi kollaborattivi u kooperattivi għall-iskambju tal-għarfien u l-informazzjoni u jiġi promoss fehim reċiproku b'rabta mal-isfidi agrikoli globali li t-tnejn li aħna qed niffaċċjaw. Dan l-arranġament jikkomplementa d-djalogi ma' sħab ewlenin oħra bħaċ-Ċina, il-Ġappun, il-Kanada u oħrajn, u lkoll kemm huma ser jitlaqqgħu fl-2022.
8. Fil-qasam tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, in-negozjati ma' **New Zealand** mexjin tajjeb, u l-għan hu li jiġu konklużi malajr kemm jista' jkun, iżda għadhom ma ġewx iffinalizzati. COM indikat li ser ikun meħtieġ li jsiru xi konċessjonijiet oħra, għalkemm modesti, fuq l-aċċess għas-suq tal-prodotti tal-ħalib u taċ-ċanga – permezz ta' kwoti tariffarji – bil-kundizzjoni li jiġu aċċettati pożizzjonijiet offensivi oħra tal-UE, inkluż l-aħħar talbiet tal-Istati Membri dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IG). Dan ikun jagħmel parti mill-isforz biex jiġi żgurat ftehim finali matul il-fażi finali mistennija aktar tard fl-2022. Il-Ftehim ma' New Zealand huwa mistenni wkoll li jinkludi dispożizzjonijiet avanzati ħafna dwar l-iżvilupp sostenibbli, inkluż referenza għall-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima, dwar is-sistemi tal-ikel u dwar it-trattament xieraq tal-annimali bħala elementi essenzjali tal-Ftehim, b'kont meħud tal-eżitu tar-rieżami tal-Kummissjoni li għaddej bħalissa tal-pjan ta' azzjoni ta' 15-il punt dwar il-kapitoli li jittrattaw l-Iżvilupp Sostenibbli tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles li għandu jiġi ffinalizzat f'Ġunju li ġej.
9. Klawżola ta' rieżami bbażata fuq ir-rieżami tal-pjan ta' azzjoni ta' 15-il punt dwar l-iżvilupp sostenibbli u dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi ġiet inkluża wkoll fin-negozjati maċ-**Ċili**, li għadha kif ġiet iffinalizzata fil-livell tekniku. Rigward id-dispożizzjonijiet maqbula dwar l-aċċess għas-suq agrikolu u l-IG fil-Ftehim bejn l-UE u ċ-Ċili, dawn ġew ippreżentati mill-Kummissjoni lill-Istati Membri fl-aqgħat tekniċi ad-hoc lejn tmim l-2021.

10. Barra minn hekk, in-negozjati dwar il-ftehim ta' kummerċ ħieles (FTA) mal-**Indja** bbażati fuq il-mandat ta' negozjar eżistenti tal-Kunsill (li jista' jiġi rivedut wara gwida politika rilevanti) ser jergħu jib dew kmieni fl-2022, flimkien ma' negozjati awtonomi għal ftehim dwar l-IĠ. Għall-kuntrarju ta' dan, ma sar ebda progress deċiżiv reċentement fin-negozjati mal-**Indoneżja**, filwaqt li n-negozjati mal-**Awstralja** mexjin biss bil-mod: ser isir ċiklu ieħor fir-rebbiegħa. L-approvazzjoni tar-riżultati tan-negozjati dwar l-FTA mal-**Messiku** u **Mercosur** mill-Kunsill għadha pendenti.
11. Fir-rigward ta' xi kwistjonijiet bilaterali dwar l-aċċess għas-suq, COM qed tkompli tagħmel pressjoni fuq ir-**Russja** biex tiċċara l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni l-ġdida tagħha dwar it-tikkettar tal-inbid sabiex ma jkollhiex impatt fuq l-IĠ tal-Unjoni, inkluż "Champagne", fis-suq Russu. Il-projbizzjoni Russa fuq għadd kbir ta' prodotti agrikoli Ewropej għadha għaddejja. COM ser titlob ukoll li jsiru konsultazzjonijiet mar-Russja fil-kuntest tas-soluzzjoni tat-tilwim tad-WTO dwar il-kwoti tariffarji tal-injam, wara t-tneħħija de facto reċenti tagħhom mir-Russja, li bħala riżultat żiedu d-dazji tal-esportazzjoni fuq l-injam applikati għall-UE. Mill-1 ta' Jannar 2022, l-**awtoritajiet Belarussi** introduċew ukoll projbizzjoni fuq ċerti esportazzjonijiet agrikoli tal-Unjoni, li indirettament tirrestrinġi aktar l-aċċess għas-suq Russu, peress li għadd ta' prodotti agrikoli Ewropej kienu jintbagħtu lejn ir-Russja minn għewwa l-Belarussja wara l-projbizzjoni tal-2014.
12. Sadanittant, l-esportazzjonijiet agroalimentari tal-UE lejn ir-**Renju Unit** reġgħu lura għal-livelli ta' qabel il-Brexit, madankollu dan mhux il-każ għall-importazzjonijiet tal-UE mir-Renju Unit. Wieħed għad irid jara x'inhu l-impatt tal-proċedura doganali li għadha kif ġiet introdotta fuq l-esportazzjonijiet tal-UE lejn ir-Renju Unit, l-applikazzjoni fl-2022 ta' kontrolli sanitarji u fitosanitarji sħaħ u l-ftehimiet tar-Renju Unit ma' sħab kummerċjali oħra bħall-Awstralja u New Zealand, li jinkludu konċessjonijiet sinifikanti tal-aċċess għas-suq tar-Renju Unit għall-prodotti agrikoli ta' dawn il-pajjiżi. Fl-istess ħin, COM kienet qed tinvolvi ruħha f'taħditiet intensivi mar-Renju Unit biex tidentifika soluzzjonijiet fit-tul maqbula b'mod konġunt fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, madankollu mingħajr ma daħlet f'negozjar mill-ġdid dwar id-dispożizzjonijiet tiegħu u mingħajr ma kkompromettiet l-għan politiku ewlieni tiegħu. B'dew ukoll negozjati mar-Renju Unit f'termini tar-relazzjonijiet ma' Ġibiltà.

13. Fl-aħħar nett, miexja tajjeb il-ħidma fil-Kummissjoni fuq ir-rapport mitlub mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew fil-qafas tan-negozjati dwar l-adozzjoni tal-proposti tar-riforma tal-PAK, dwar valutazzjoni tar-"raġunament u l-fattibbiltà legali tal-applikazzjoni ta' standards tal-UE dwar is-saħħa u l-ambjent (inkluż standards dwar it-trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll proċessi u metodi ta' produzzjoni) għal prodotti agricoli u agroalimentari importati, kif ukoll l-identifikazzjoni ta' inizjattivi konkreti biex tiġi żgurata konsistenza aħjar fl-applikazzjoni tagħhom, f'konformità mar-regoli tad-WTO". COM indikat li tinsab lesta li tippreżenta xi sejbiet preliminari matul l-ewwel tliet xhur tal-Presidenza Franċiża. Ir-rapport finali għandu jkun lest f'Ġunju.

Kummenti tal-għeluq

14. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, ikun xieraq li l-Kunsill, fl-okkażjoni tal-ewwel laqgħa tiegħu fl-2022, jorganizza diskussjoni dwar id-direzzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE ma' pajjiżi terzi fir-rigward tal-agrikoltura, fil-livell bilaterali u dak multilaterali.
15. Minħabba l-adozzjoni reċenti tar-riforma tal-PAK b'titjib sinifikanti fis-sostenibbiltà u l-kredenzjali ambjentali, il-Ministri jistgħu jużaw din l-opportunità biex jikkomentaw dwar is-sitwazzjoni attwali fin-negozjati bilaterali u multilaterali u inizjattivi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari dwar il-promozzjoni ulterjuri tal-Aġenda 2030 u l-iżvilupp sostenibbli internazzjonali filwaqt li, fl-istess ħin, jiġi evitat li l-produtturi Ewropej jitpoġġew fi żvantaġġ komparattiv u jiġi promoss il-mudell Ewropew tal-produzzjoni, u b'dan il-mod jiġi esportat is-suċċess tal-PAK.